# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-12 ta' Lul;ju 2002**

**Kawza numru 13**
**Citazzjoni numru 680/2002 GC**

**L-avukat Dottor Christian Cardona bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Raznoimport Trading (U.K.) Limited**

**vs**

**Unity Trading Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta estera Raznoimport Trading (U.K) Limited, debitament rapprezentata mill-attur nomine (Prokura annessa u mmarkata bhala dom. RT1), hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' miljun, tmien mija u wiehed u tmenin elf u wiehed u hamsin Dollaru Amerikan u tmienja u disghin centezmu (US$1,881,051.98), bilanc fuq prezz ta' diversi kunsinni ta' diversi kunsinni ta' nickel oxide ore lilha mibjugha u konsenjati kif pattwit, kif jirrizulta mill-annessi fatturi u prospett markati bhala Dok. RT2 sa RT4;

Illi konvertita bir-rata kurrenti din is-somma hija ekwivalenti ghas-somma ta' tmien mija u sitta u tletin elf, mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm836,135);

Illi l-istess socjeta estera Raznoimport Trading (U.K) Limited hija wkoll kreditrici tas-socjeta konvenuta f'dak l-ammont li jirraprezenta l-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament;

Illi is-socjeta konvenuta giet interpellata, anke ufficjalment, sabiex thallas id-debitu taghha izda baqghet inadempjenti;

Illi l-imsemmi kreditu tal-attur nomine huwa cert, likwidu u eziggibbli u, safejn jaf l-attur nomine, is-socjeta konvenuta m'ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' din is-somma kif jidher mill-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. RT5;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikoli l67 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk l-attur nomine talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:-

1) m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba tal-attur nomine bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2) tikkundanna minnufih lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' tmien mija u sitta u tletin elf, mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm836,135) fuq imsemmija , dovuta kif intqal fuq;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tad-29 ta' Mejju, 2002, u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenji rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavit tal-attur nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta konvenuta u b'hekk it-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju;

Fuq l-ammissjoni tasa-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tal-attur nomine, bl-imghaxxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.,